Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1128

26.5.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1128

tat-22 ta' Mejju 2026

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-aċidu boriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) L-aċidu boriku ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie għalhekk ikkunsidrat bħala approvat skont dak ir-Regolament sal-31 ta' Awwissu 2021 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Fit-28 ta' Frar 2020, tressqet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-aċidu boriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 ("l-applikazzjoni").

(3) Fit-2 ta' Lulju 2020, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tan-Netherlands infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni kienet meħtieġa. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa trid twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista', kif xieraq, teżiġi li l-applikant jipprovdi biżżejjed data biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-data rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") trid tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tippreżentaha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1288 ([3]) pposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-aċidu boriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 għat-28 ta' Frar 2024 sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/8/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1288 tat-2 ta' Awwissu 2021 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-aċidu boriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 (ĠU L 279, p. 43; ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/1288/oj).

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/222 ([4]) reġgħet ipposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni sal-31 ta' Awwissu 2026, minħabba dewmien fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni.

(8) Fit-13 ta' Frar 2026, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni infurmat lill-Kummissjoni li l-evalwazzjoni ddewmet għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, marbuta mal-valutazzjoni tad-data relatata mal-effikaċja, il-proprjetajiet analitiċi u fiżikokimiċi, l-eżitu fl-ambjenta, u l-valutazzjoni tal-kriterji tal-interferenti endokrinali għas-sustanza. Mill-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti li tevalwa, il-Kummissjoni fehmet li x'aktarx dik l-awtorità ma tippreżentax rakkomandazzjoni lill-Aġenzija qabel nofs l-2027.

(9) Għaldaqstant, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk, jixraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta ulterjorment għal perjodu ta' żmien biżżejjed biex tkun tista' tiġi eżaminata l-applikazzjoni. Wara li tqies iż-żmien meħtieġ għall-evalwazzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, u għat-tħejjija u għas-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjoni tagħha u biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tal-aċidu boriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għat-28 ta' Frar 2029.

(10) Wara l-posponiment ulterjuri tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, l-aċidu boriku jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-aċidu boriku għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/222 hija posposta għat-28 ta' Frar 2029.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/222 tat-12 ta' Jannar 2024 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-aċidu boriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/222, 16.1.2024, http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/222/oj).